- *PATERNITA' –*
- *ARTIKOLU 77 TAL-KAP 16 –*
- *ARTIKOLU 70 (1) (b) u (d) U (2) TAL-KAP 16 -*
- *L-ISTAT TA' IBEN LEGITTIMU –*
- *ARTIKOLU 80 TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 45**
**Citazzjoni Numru: 545/98/RCP**

**Saviour Micallef u l-avukat Joseph Mario Sammut u l-P.L. Joanna Dingli li b'digriet ta' l-1 ta' Marzu 1999 gew nominati kuraturi ghan-nom tal-minuri Nikolai Vella.**

**vs**

**1. Direttur tar-Registru Pubbliku**
**2. Jason Vella**

**3. Josephine Anne Micallef**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-6 ta' Lulju, 1996 Josephine-Anne Micallef tat wild ghal tarbija, ta' sess maskili, bl-isem ta' Nikolai;

Illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija Att Numru 2915/96 (*vide* Dok. "A") isem il-missier tat-tarbija gie erronjament indikat bhala l-konvenut Jason Vella;

Illi l-konvenut Jason Vella mhuwiex il-missier naturali ta' din it-tarbija;

Illi l-konvenuti Jason Vella u Josephine-Anne Vella *sive* Micallef kienu zzewgu fil-15 ta' April 1993;

Illi fit-2 ta' Dicembru 1993 il-konvenuti Jason Vella u Josephine Micallef kienu kkuntrattaw separazzjoni legali *'a mensa e thoro'* permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja iskritt fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia (Dok. "B");

Illi sussegwentement kienet sehhet rikonciljazzjoni u kien ghalhekk illi meta twieled il-minuri Nikolai Vella, il-konvenut

Jason Vella gie ndikat fuq talba tieghu stess bhala missier it-tarbija fuq ic-certifikat tat-twelid;

Illi effettivament il-konvenut Jason Vella mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Nikolai Vella;

Illi l-konvenuta Josephine-Anne Micallef, omm il-minuri Nikolai Vella, kienet, permezz tal-formula "Q", Numru Q179, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "C", irrivertiet ghal kunjom xbubitha, u cjoe` "Micallef";

Illi l-istess atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija Nikolai Vella (Att Numru 2915/96) isem il-missier gie erronjament indikat bhala l-konvenut Jason Vella meta dan mhuwiex il-missier naturali tal-imsemmija tarbija Nikolai Vella;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija Nikolai Vella (Att Numru 2915/96) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier it-tarbija Nikolai Vella tikkancella l-kliem *"Jason Vella"* u tissostitwihom bil-kliem *"missier mhux maghruf",* u tordna wkoll illi fil-kolonna ta' isem u kunjom omm il-minuri Nikolai Vella, jigu kancellati l-kliem *"Vella nee"* biex isem u kunjom omm il-minuri Nikolai Vella jigi jaqra *"Josephine-Anne Micallef*".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 9 tal-process;

Rat id-digriet tal-1 ta' Marzu 1999 a fol. 11 fejn gew nominati l-Avukat Dr. Joseph Mario Sammut u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Nikolai Vella ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-10 ta' Marzu 1999 a fol. 27 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi;

2. Illi huwa m'ghandux ibaghti spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali tal-14 ta' April 1999.

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 1999 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarja lil Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi. Deher Dr. Gianfranco Gauci ghall-konvenut Jason Vella li ta ruhu notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u bic-

citazzjoni attrici u kellu jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin gurnata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Jason Vella tat-13 ta' Lulju 1999 a fol. 32 fejn gie eccepit:

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi milqugha in kwantu huwa minnu illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija Nikolai Vella (Att Numru 2915/96) isem il-missier gie ndikat bhala Jason Vella meta fil-fatt huwa mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija Nikolai Vella;

2. Illi dwar it-tieni talba, safejn din tikkoncerna l-korrezzjoni ta' isem u kunjom il-missier fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija Nikolai Vella (Att Numru 2915/96), il-konvenut jiddikjara li ghandha tigi milqugha;

3. Illi dwar it-tieni talba, safejn din tikkoncerna l-korrezzjoni ta' isem u kunjom omm il-minuri Nikolai Vella, huwa jiddikjara li ma ghandux interess;

4. Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez, huwa jiddikjara li m'ghandux ibaghti spejjez, *stante* li huwa dejjem mexa fl-ahjar interess tat-tarbija, li f'isimha gew istitwiti l-proceduri odjerni, u ta' ommha, ko-konvenuta f'din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 33 u 34 tal-process.

Rat is-seduta tas-26 ta' Settembru 1999 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi a fol 36 sa 38.

Rat il-verbali tal-4 ta' Novembru 1999 u tat-18 ta' Novembru 1999.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju minn fol. 41 sa 44.

Rat il-verbal tas-27 ta' April 2000.

Rat ir-rikors tal-Kuratur Deputat Dr. Joseph Mario Sammut tal-5 ta' Gunju 2000 (a fol. 46 sa 47) fejn talab li jsiru t-testijiet kollha medici opportuni, inkluzi dak ta' DNA sabiex jigi zgurat dak li qieghed jigi premess fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi.

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 2000 fejn b'referenza ghar-rikors tal-5 ta' Gunju ta' Dr. Joseph Mario Sammut il-Qorti ddikjarat li hi ma tistax tordna li jsiru t-testijiet tad-DNA u ghalhekk ordnat li l-Assistenta Gudizzjarja ghandha tikkonkludi l-gbir tal-provi.

Rat ir-rikors tal-31 ta' Ottubru 2000 ta' l-attur Saviour Micallef *nomine*.

Rat il-verbali tas-16 ta' Jannar 2001; tal-24 ta' April 2001 fejn Dr. Gianfranco Gauci ghan-nom tal-konvenut Jason Vella ddikjara li ma fadallux provi aktar; tad-9 ta' Ottubru 2001; tas-7 ta' Novembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghal sentenza in difett ta' ostakolu; tal-25 ta' Jannar 2002; tat-13 ta' Marzu 2002 u tat-28 ta' Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-lum 27 ta' Gunju 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din il-kawza saret sabiex it-tarbija Nikolai li giet registrata bhala t-tarbija tal-konvenut Jason Vella tigi dikjarata li mhix iben l-istess konvenut *stante* li dan ma huwiex missierha u fil-fatt qed jitlob li l-istess tarbija tigi dikjarata li ma hijiex il-wild naturali tal-konvenut bil-konsegwenti tibdil rikjest fic-certifikat tat-twelid tal-istess tarbija Nru. 2915/96.

Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhu mill-**Artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita'*

*fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu nteress li jaghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996 inghad li :-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar dispozizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … …." "Egli ha osservato esistere nell'ordine*

*stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l' incarnazione della formula solenne 'pater is est quiem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**Artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(1) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati

tassattivament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(2) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952) li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (A.J M) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(3) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-*istatus* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**Artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher*

*car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001

Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u "**Domenic Briffa vs Therese Fenech et"** (P.A. (RCP) deciza 30 ta' Mejju, 2002 - Cit Nru 1916/00/RCP) u ohrajn.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' *"impossibilita' fizika"* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (N.A. 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibilita' fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* **("Noelle Spiteri vs Ernest Cilia").**

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz *de quo* rrizulta mill-provi li l-konvenuti Josephine Anne Micallef u Jason Vella kien zzewgu fil-15 ta' April 1993, pero' kienu sseparaw anke legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali b'att fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia datat 2 ta' Dicembru 1993 (Dok. "B").

Illi minn dakinhar huma ma abitawx aktar flimkien, u fil-fatt jirrizulta li f'dak iz-zmien il-konvenuta kellha relazzjoni ma' persuna ohra li minnha harget tqila f'Ottubru 1995; ftit wara hija regghet iltaqghet ma' zewgha ezatt f'Jannar 1996 u rrikonciljaw anke meta twieled l-istess minuri, li naturalment

l-konvenut Jason Vella kien jaf li mhux tieghu, pero' baqghu jghixu flimkien biss sa Dicembru 1997 meta nfirdu definittavament u hekk ghadhom sa llum.

Illi hija ghexet mal-konvenut biss sa Settembru 1993, u isseparat f'Dicembru 1993, iltaqghet regghet mieghu f'Jannar 1996 u ghexet mieghu sa Dicembru 1997, u b'hekk meta twieldet it-tarbija hija kienet qed tghix mieghu u ghalhekk fic-certifikat jidher isem il-konvenut Jason Vella bhala missier, u fil-fatt llum-il gurnata l-istess minuri jghix ma' ommu u l-istess Jason Vella la jara u wisq anqas imantni l-istess minuri.

Illi dan huwa kollu kemm huwa kkonfermat mill-istess konvenut Jason Vella fix-xhieda tieghu tat-13 ta' Jannar 2000, fejn ikkonferma li fiz-zmien tal-koncepiment tat-tarbija ma kellu ebda relazzjoni ma' martu li kien minnha wkoll legalment separat u meta sehhet ir-rikonciljazzjoni ta' bejniethom hija diga` kienet tqila. F'dan huwa kollu kkorroborat mix-xhieda ta' missier il-konvenuta Saviour Micallef fix-xhieda tieghu tas-26 ta' Settembru 1999 fejn qal ukoll li f'dak iz-zmien li giet koncepita t-tarbija, l-konvenuta kienet qed tghix mieghu ghaliex kienet separata *de facto* u legalment minn zewgha, u allura l-istess konvenut Jason Vella qatt ma seta` jkun missier it-tarbija.

Illi minn dan kollu, maghdud mad-dikjarazzjoni tal-omm, u mal-fatt li fit-terminu ndikat fil-ligi l-konvenuta mhux biss ma kenitx tghix mal-konvenut Jason Vella, izda addirittura

separata minnu anke legalment, u dan kif ammess mill-istess konvenut Jason Vella, jirrizulta li t-talbiet attrici gew ppruvati u l-istess minuri ma huwiex iben naturali tal-konvenut Jason Vella, izda iben l-konvenuta Josephine Anne Micallef u missier mhux maghruf, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom, abbazi tal-principji fuq elenkati, inkluzi l-fatt li l-istess minuri qatt ma gawda mill-pussess ta' stat ta' iben legittimu *ai termini* tal-**artikolu 80 tal-Kap 16,** jigu milqugha b'dan li ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex l-istess minuri ma jibqax jigi ndikat bhala iben tal-istess konvenut Jason Vella, izda ta' missier mhux maghruf u tal-konvenuta Josephine Anne Micallef.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Id-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talbiet attrici, u fuq ammissjoni tal-konvenut Jason Vella, u fil-kontumacja tal-konvenuta Josephine Micallef, li pero' fix-xhieda taghha ammetiet it-talbiet attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija Nikolai Vella (Att Numru 2915/96) isem il-missier gie erronjament indikat bhala l-konvenut Jason Vella meta dan mhuwiex il-missier naturali tal-imsemmija tarbija Nikolai Vella;

(2) Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija Nikolai Vella (Att Numru 2915/96) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier it-tarbija Nikolai Vella tikkancella l-kliem *"Jason Vella"* u tissostitwihom bil-kliem *"missier mhux maghruf",* u tordna wkoll illi fil-kolonna ta' isem u kunjom omm il-minuri Nikolai Vella, jigu kancellati l-kliem *"Vella nee"* biex isem u kunjom omm il-minuri Nikolai Vella jigi jaqra *"Josephine-Anne Micallef*" u dan *oltre* korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista' jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-Twelid li jindikaw li l-istess minuri ma huwiex iben l-istess konvenut Jason Vella, b'mod li kull riferenza ta' Jason Vella, bil-konnotati tieghu kollha bhala missier l-istess minuri tigi mnehhija u kancellata mill-istess att ta' twelid u b'mod li l-istess minuri jigi ndikat li huwa iben Josephine Anne Micallef (u mhux Vella) u missier mhux maghruf.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinaghta lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-kuraturi deputati li rrapprezentaw l-istess minuri, u tal-konvenut Jason Vella u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a karigu tal-attur Saviour Micallef u ta' Josephine Anne Micallef, *stante* li l-konvenuti

l-ohra ma jidhrux li kienu responsabbli ghal tali korrezzjonijiet hawn ordnati li jsiru fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri Nikolai Micallef.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**